



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15795/25

ECOFIN 1586

UEM 579

FIN 1436

ECB

EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP” - recovery and resilience plan) mill-Polonja fit-3 ta’ Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fis-17 ta’ Ġunju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2022”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tat-8 ta’ Diċembru 2023³, tas-16 ta’ Lulju 2024⁴ u tal-20 ta’ Ġunju 2025⁵.
- (2) Fis-26 ta’ Settembru 2025, il-Polonja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Polonja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Polonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 80 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 9728/22 INIT u ST 9728/22 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15835/23 REV1 u ST 15835/23 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 11805/24 INIT u ST 11805/24 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 9590/25 INIT u ST 9590/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Polonja spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba ż-żieda fil-kost minħabba l-inflazzjoni. Dan jikkonċerna l-miżuri B1.1.2 (Sostituzzjoni tas-sorsi tas-sħana u titjib tal-effiċjenza enerġetika f' bini residenzjali b' familja waħda) u G1.2.3 (Żvilupp ta' networks ta' trażmissjoni, infrastruttura intelliġenti tal-elettriku, inkluża parti fuq skala akbar). Abbażi ta' din, il-Polonja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Polonja spjegat li 13-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.4.1 (Investimenti biex tiġi diversifikata u mqassra l-katina tal-provvista ta' prodotti agrikoli u tal-ikel u tinbena r-reżiljenza tal-entitajiet fil-katina), A2.5.1 (Programm biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-entitajiet fl-industriji kulturali u kreattivi biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom), B1.1.1 (Investiment fis-sorsi tas-sħana fis-sistemi tat-tiżhin distrettwali), B1.1.5 (Titjib tal-effiċjenza enerġetika f' bini residenzjali b' aktar minn appartament wieħed), B2.1.1 (Investiment fl-idroġenu, il-manifattura, il-ħżin u t-trasport tal-idroġenu), B3.3.1 (Investimenti fiż-żieda tal-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fiż-żoni rurali), C2.1.2 (Kundizzjonijiet ekwi għall-iskejjel b' apparat multimedjali mobbli — investimenti relatati mal-issodisfar ta' standards minimi tat-tagħmir), C2.1.3 (Kompetenzi elettroniċi), D2.1.1 (Investimenti relatati mal-modernizzazzjoni u l-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tat-tagħlim bil-ħsieb li jiżiedu l-limiti ta' ammissjoni għall-istudji mediċi), E2.2.2 (Diġitalizzazzjoni tat-trasport), E3.1.1 (Faċilità għall-appoġġ ta' ekonomija b' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju), G3.1.4 (Appoġġ għas-sistema nazzjonali tal-enerġija (Fond ta' Appoġġ għall-Enerġija)) u G3.1.5 (Kostruzzjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta (Fond għall-Enerġija mir-Riħ Offshore)). Abbażi ta' din, il-Polonja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

(6) Il-Polonja spjegat li 13-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba dewmien mhux mistenni minħabba l-kwistjonijiet ta' akkwist, dewmien fil-proġetti u proċess leġislattiv fit-tul. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.1 (Riforma tal-qafas fiskali), A1.3.1 (Implimentazzjoni tar-riforma tal-ippjanar tal-użu tal-art), A2.3.1 (Żvilupp u tagħmir ta' ċentri ta' kompetenza (ċentri ta' taħriġ speċjalizzat, ċentri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni, osservatorji) u infrastruttura ta' ġestjoni tal-industrija tal-vetturi mingħajr bdot abbord, bħala ekosistema ta' innovazzjoni), A2.6 (Riforma - Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari), A2.6.1 (Investiment - Żvilupp tas-sistema nazzjonali ta' servizzi ta' monitoraġġ, prodotti, għodod analitiċi, servizzi u infrastruttura ta' akkumpanjament bl-użu ta' data satellitari), A3.1 (Forza tax-xogħol għall-ekonomija moderna: it-titjib tat-tqabbil tal-ħiliet u l-kwalifiki mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol), A4.1.1 (Investiment b' appoġġ għar-riforma tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol), A4.2.1 (Appoġġ għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal għat-tfal sa tliet snin (nurseries, klabbs tat-tfal) taħt Maluch+), B3.5.1 (Investiment f' akkomodazzjoni effiċjenti fl-enerġija għal unitajiet domestiċi b' introjtu baxx u medju), C1.1.1 (L-iżgurar tal-aċċess għal internet b' veloċità għolja ħafna f' żoni bojod), C2.2.1 (Tagħmir ta' skejjel/istituzzjonijiet b' apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema edukattiva), C3.1.1 (Ċibersigurtà - CyberPL, infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi) u G3.3.1 (Sistemi tal-ħżin tal-enerġija (appoġġ ripagabbli)). Abbażi ta' din, il-Polonja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Polonja spjegat li ġew emendati 13-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżuri A2.2.1 (Investimenti fil-varar ta' teknoloġiji u innovazzjoni ambjentali, inkluż dawk relatati mal-ekonomija ċirkulari), A2.4.1 (Investiment fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' riċerka), B1.1.4 (Tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-faċilitajiet ta' attivitajiet soċjali lokali), B2.2.3 (Kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' terminals lil hinn mill-kosta), B2.3 (Appoġġ għall-investiment f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta), B3.2.1 (Investimenti fin-newtralizzazzjoni tar-riskju u r-restawr ta' siti abbandunati fuq skala kbira u l-Baħar Baltiku), B3.4.1 (Investimenti fi trasformazzjoni ekoloġika tal-bliet), E1.1 (Żieda fl-użu ta' trasport li ma jaġġmilx ħsara lill-ambjent), E1.1.2 (Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero u baxxi (karozzi tal-linja)), E2.1.3 (Proġetti intermodali), G1.1.4 (Appoġġ għall-istituzzjonijiet li jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti tar-REPowerEU), G1.2.4 (Kostruzzjoni jew modernizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni tal-elettriku li fil-biċċa l-kbira jservu żoni rurali biex jippermettu l-konnessjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli) u G3.1.1 (Simplifikazzjoni tal-proċess tal-permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' din, il-Polonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Peress li dawk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Il-Polonja spjegat li ġew emendati 33 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri A1.2.1 (Investimenti għal intrapriżi fi prodotti, servizzi u kompetenzi tal-impjegati u l-persunal relatati mad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet), A1.4 (Riforma biex tittejjeb il-kompetittività u l-protezzjoni tal-produtturi/konsumaturi fis-settur agrikolu), A2.1.1 (Investimenti li jappoġġjaw ir-robotizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-intrapriżi), A2.7.1 (Fond għas-Sigurtà u d-Difiża), A3.1.1 (Investimenti f'taħriġ vokazzjonali modern, edukazzjoni għolja u taġġim tul il-ħajja), A4.1 (Istituzzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol), A4.3.1 (Programmi ta' appoġġ għall-investiment li jagħmluha possibbli, b'mod partikolari, li jiġu żviluppati attivitajiet, tiżdied il-parteċipazzjoni fil-provvista ta' servizzi soċjali, tittejjeb il-kwalità tar-reintegrazzjoni f'entitajiet tal-ekonomija soċjali), A4.6 (Żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi billi tiġi żviluppata kura fit-tul), A4.7 (Limitazzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol), B1.1.3 (Modernizzazzjoni termali tal-istituzzjonijiet edukattivi), B3.2 (Appoġġ għar-restawr ambjentali u l-protezzjoni kontra sustanzi perikolużi), C2.1 (Tkabbir tal-applikazzjonijiet diġitali fl-isfera pubblika, l-ekonomija u s-soċjetà), C3.1 (Tisħiħ taċ-ċibersigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni, tisħiħ tal-infrastruttura tal-ipproċessar tad-data u ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi), C4.1.1 (Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali avvanzata), D1.1 (Titjib tal-effettività, l-aċċessibilità u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa), D1.1.1 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ta' ċentri tal-kura speċjalizzati ħafna u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa),

D1.1.2 (Aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa billi jiġu żviluppati aktar is-servizzi tas-saħħa diġitali), D2.1 (Ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għal żieda fin-numru ta' staff mediku), D3.1.1 (Żvilupp komprensiv tar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi tas-saħħa), D4.1.1 (Żvilupp tal-kura fit-tul permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-entitajiet mediċi fil-livell tad-distrett), E1.2 (Żieda fis-sehem tat-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, prevenzjoni u tnaqqis tal-impatt negattiv tat-trasport fuq l-ambjent), E1.2.1 (Trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-bliet) (trammijiet)), E2.1.1 (Linji ferrovjarji), E2.1.2 (Materjal ferrovjarju tal-passiġġieri), E2.2.1 (Investimenti fis-sikurezza tat-trasport), G1.1.1 (inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' komunitajiet lokali ta' enerġija), G1.2.1 (Soluzzjonijiet regolatorji għal integrazzjoni aċċellerata ta' sorsi rinnovabbli fin-networks tad-distribuzzjoni), G1.2.2 (Tneħħija tal-ostakli għall-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fin-networks tal-elettriku), G1.3.1 (Appoġġ għat-trasport sostenibbli), G1.3.2 (Trasport kollettiv b'emissjonijiet żero (karozzi tal-linja)), G3.2.1 (Kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-gass naturali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija), G3.1.2 (Ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika) u G3.1.3 (Tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika u aċċellerazzjoni tat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili fit-tisħin). Abbażi ta' din, il-Polonja talbet li l-miżura G1.3.1 titneħħa u li t-32 mużura l-oħra jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 tiġi emendata skont dan.

- (9) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Polonja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tal-miżuri biex iżżid miżura ġdida waħda u biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' ħames miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri A5.1 (Kontribuzzjoni lill-Kompartiment tal-Istati Membri taħt il-programm InvestEU), A6.1 (Kontribuzzjoni volontarja għall-Programm tal-UE għal Konnettività Sigura IRIS²), B3.1.1 (Investimenti fis-sistemi tat-trattament tal-ilma mormi u l-provvista tal-ilma fiż-żoni rurali), C2.1.1 (Servizzi elettroniċi pubbliċi, soluzzjonijiet tal-IT li jtejbu l-funzjonament tal-amministrazzjonijiet u tas-setturi ekonomiċi), G1.1.2 (Installazzjonijiet tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli implimentati mill-komunitajiet tal-enerġija) u G1.1.3 (Sistemi tal-ħżin tal-enerġija (appoġġ mhux ripagabbli)). Abbażi ta' dan, il-Polonja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' ħames miżuri, jiġifieri A5.1, B3.1.1, C2.1.1, G1.1.2 u G1.1.3, u li tiżdied miżura ġdida waħda, jiġifieri A6.1.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Polonja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment inklużi fl-RRP emendat ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (13) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁷. Dik il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull miżura modifikata skont l-approċċ f'żewġ stadji. Dik il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha u għall-miżura l-ġdida, ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minquxa fit-tfassil ta' miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta' dik il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura fl-RRP emendat ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁷ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40,26 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 68,29 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (15) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni għall-klima tal-RRP emendat naqset minn 41,39 % għal 40,26 % meta mqabbel mal-valutazzjoni preċedenti.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 20,92 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat jibqa' konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (17) Filwaqt li l-Polonja naqset milli tippreżenta l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħha sat-30 ta' Ġunju 2024 f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, il-RRP emendat jibqa' konsistenti mal-informazzjoni pprovduta f'Diċembru 2019 fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għas-snin 2021–2030. Il-modifika tal-RRP emendat ma tolqotx b'mod sostanzjali l-ambizzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni klimatika. Minkejja l-emendi, l-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'interventi fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-bini u t-trasport b'emissjonijiet żero.
- (18) Il-miżuri fl-RRP emendat ikompli jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali. Il-kontribuzzjoni diġitali tal-RRP emendat żdiedet minn 20,39 % għal 20,92 % meta mqabbla mal-valutazzjoni preċedenti.

Kalkolu tal-kostijiet

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali smat tal-RRP emendat hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).

- (20) Il-Polonja pprovdiet estimi tal-kost għat-tipi kollha ta' miżuri taħt l-RRP emendat tagħha li jinvolvu kost. B'mod ġenerali, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kost huma ċari u jinftiehem, u spiss huma bbażati fuq proġetti preċedenti ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. F'xi każijiet, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-estimi tal-kostijiet huma limitati, u dan ifixkel valutazzjoni pożittiva sħiħa tal-estimi tal-kostijiet. Il-Polonja pprovdiet ukoll dokumentazzjoni ta' sostenn dettaljata għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' interventi għas-sostenn tal-ġustifikazzjoni u tal-evidenza relatata mal-estimi tal-kost. Il-Polonja pprovdiet informazzjoni u assigurazzjoni suffiċjenti li l-kosti tal-RRP emendat tagħha mhux kopert minn finanzjament ieħor tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (21) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Polonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP emendat mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (g), (h), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (22) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, il-Polonja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Polonja qieset li l-ebda proġetti bħal dawn ma kellhom jiġu inkluża fl-RRP emendat, minħabba n-nuqqas ta' żmien biex jitlestew tali proġetti qabel id-data ta' tmiem tal-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza.

Valutazzjoni pożittiva

- (23) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP emendat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħteġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (24) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Polonja huwa ta' EUR 54 718 157 234. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Polonja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4(a) tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mal-Artikoli 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Polonja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 25 276 853 716. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Polonja tibqa' l-istess.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Għoti ta' self

- (25) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 34 541 303 518 għall-Polonja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022. Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri B3.5.1 (Investiment f'akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju), E3.1.1 (Faċilità għall-appoġġ ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju), G3.1.4 (Appoġġ għas-sistema nazzjonali tal-enerġija ((Fond ta' Appoġġ għall-Enerġija)), G3.1.5 (Kostruzzjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta (Fond għall-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-kosta)), u G3.2.1 (Kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-gass naturali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija) f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, il-Polonja ma talbitx li tuża r-riżorsi ta' self liberat biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fl-RRP emendat. L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Polonja u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għall-Polonja u permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għall-Polonja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 29 441 303 518.
- (26) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 jiġi sostitwit kompletament,

- (27) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-
għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħliel-Faċilità għall-
Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq
intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma
twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat
lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għall-Polonja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Polonja self li jammonta għal massimu ta' EUR 29 441 303 518.”;
- (2) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President
